*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/PR/12/05

# Tibda l-valutazzjoni tas-sustanzi taħt REACH: Ippubblikata l-ewwel lista ta' sustanzi

## L-ewwel pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) jikkontieni 90 sustanza li l-Istati Membri ser jivvalutaw taħt il-proċess tal-valutazzjoni tas-sustanzi tar-Regolament REACH. Dawn is-sustanzi ġew ivvalutati fl- 2012, fl-2013 u fl-2014.

**Ħelsinki, id-29 ta' Frar 2012 –** L-ewwel pjan ta' Azzjoni Rikorrenti Komunitarju (CoRAP) jindirizza 90 sustanza ssuspettati li huma ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Il-lista CoRAP ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, billi tqiesu l-kriterji maqbula fuq bażi ta' riskju, għall-għażla ta' sustanzi. L-ECHA addottat il-CoRAP fuq il-bażi tal-opinjoni favorevoli tal-Kumitat tal-Istati Membri tal-ECHA (MSC), li kienet addottata b'kunsens fid-9 ta' Frar 2012.

Il-valutazzjoni tas-sustanzi hija l-proċess taħt REACH li jippermetti li r-riskji jkunu kkjarifikati. Wara l-valutazzjoni, tista' tintalab aktar informazzjoni mir-reġistranti tas-sustanzi meta dejta addizzjonali titqies meħtieġa biex ikun ikkjarifikat ir-riskju suspettat.

Il-valutazzjoni tas-sustanzi hija għodda importanti għaż-żieda tal-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi. L-użu sigur ta' sustanzi kimiċi issa jista' jkun ittrattat aħjar u promoss b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, qal id-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA Geert Dancet.

Fil-CoRAP, il-bażijiet għat-tħassib inizjali huma deskritti fil-qosor għal kull sustanza. F'ħafna każi, it-tħassib huwa relatat ma' persistenza potenzjali, bijoakkumulazzjoni u tossiċità, disturb tal-endokrina, jew karċinoġeniċità, mutaġeniċità u tossiċità għar-riproduzzjoni, f'kombinazzjoni ma' użu(i) wiesa' dispersivi jew tal-konsumatur. B'mod ġenerali, l-użi ta' dawn is-sustanzi jkopru diversi oqsma u ma jiffukaw fuq l-ebda użi industrijali, professjonali jew tal-konsumatur b'mod partikolari. Għall-ewwel CoRAP ma kienu ma kinux maħsuba lanqas b'mod speċifiku ċerti gruppi ta' sustanzi.

Il-CoRAP jindika wkoll l-Istat Membru responsabbli mill-valutazzjoni ta' kull sustanza. Fl-2012, 36 sustanza ser ikunu vvalutati minn 17-il Stat Membru. Il-bqija ġew elenkati għall-2013 u l-2014, iżda l-għadd u l-għażla ta' sustanzi elenkati għal dawk is-snin mistenni jiġi emendat fl-aġġornamenti annwali tal-CoRAP.

Mill-pubblikazzjoni tal-CoRAP, l-Istati Membri rispettivi għandhom sena waħda biex jivvalutaw sustanzi speċifikati għas-sena 2012 u, meta jkun iġġustifikat, biex jippreparaw deċiżjoni ta' abbozz li titlob lir-reġistant(i) jippreżenta(w) aktar informazzjoni biex jikkjarifika(w) kull riskju possibbli. Id-deċiżjoni tittieħed mill-ECHA wara konsultazzjoni mal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri u mal-MSC, jew mill-Kummissjoni Ewropea jekk ma jkun hemm l-ebda unanimità

fl-MSC. Għal deċiżjonijiet oħra ta’ valutazzjoni, ir-reġistranti tas-sustanzi elenkati fil-CORAP ikollhom l-opportunità jikkummentaw qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni finali.

## Aktar informazzjoni

Lista CoRAP
http://echa.europa.eu/documents/10162/17221/corap_2012_en.pdf

Mistoqsijiet u tweġibiet
http://echa.europa.eu/support/faqs/qa-corap-substance-evaluation

Skeda Informattiva
http://echa.europa.eu/documents/10162/17221/fs_substance_evaluation_en.pdf

Dwar il-CoRAP
http://echa.europa.eu/web/guest/regulations/reach/evaluation/substance-evaluation/community-rolling-action-plan

L-opinjoni tal-Kumitat tal-Istati Membri dwar il-CoRAP – Verżjoni pubblika
http://echa.europa.eu/web/guest/about-us/who-we-are/member-state-committee/opinions-on-draft-corap

Dejtabejż ta’ sustanzi rreġistrati
http://echa.europa.eu/web/guest/information-on-chemicals/registered-substances

Kriterji ta’ għażla għall-prijoritizzazzjoni ta’ sustanzi għall-Valutazzjoni ta’ Sustanzi (Kriterji ta’ għażla 2011 tal-CoRAP)
http://echa.europa.eu/documents/10162/17221/background_doc_criteria_ed_32_2011_en.pdf

Il-proċeduri tal-Workshop ta’ Mejju 2012 dwar il-Valutazzjoni tas-Sustanzi
http://echa.europa.eu/documents/10162/17221/ws_on_substance_evaluation_may_2011_summary_proceedings_en.pdf

Siti elettroniċi ta’ valutazzjoni
http://echa.europa.eu/web/guest/regulations/reach/evaluation